A.L. 168 tal-2009

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP. 463)

Regolamenti tal-2009 dwar Għajnuna għar-Riċerka u Żvilupp u Innovazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investment għamel dawn ir-regolament li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2009 dwar Għajnuna għar-Riċerka u Żvilupp u Innovazzjoni.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2009.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta;

"intensità tal-għajnuna" tfisser livell massimu ta' għajnuna espress bħala persentaġġ tal-ispiża eliġibbli tal-proġett;

"għenieqed ta' innovazzjoni" tfisser gruppi ta' impriżi indipendenti, (impriżi tal-bidu innovattivi, impriżi ta' daqs żgħir, medju jew kbir kif ukoll organizzazzjoni ta' riċerka), li joperaw f'settur jew reġjun partikolari u jkunu maħsuba biex jistimulaw attività innovattiva billi jippromowovu interazzjonijiet intensivi, l-użu komuni ta' faċilitajiet u l-iskambju ta' għarfien u kompetenza u billi jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-trasferiment tat-teknoloġija, netwerking u disseminazzjoni ta' informazzjoni fost l-impriżi fl-għanqud;

"il-Korporazzjoni" tfisser l-Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża mwaqqfa taħt l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta;

"impriża" tfisser impriża kif imfissra fl-Att ħlief għall-

iskopijiet ta' krediti ta' taxxa mogħtija taħt regolament 3 fejn impriża tkun tfisser:

Kap. 386.

(a) kull soċjetà mwaqqfa taħt l-Att dwar il-Kumpanniji li tkun jew soċjetà *en nom collectif*, in akkomandita jew kumpannija ta' responsabbiltà limitata; jew

(b) kull korp kostitwit, inkorporat jew reġistrat barra minn Malta, u tax-xorta bħall-imsemmija soċjetajiet u reġistrati bħala kumpannija barranija skond l-Att dwar il-Kumpanniji; jew

Kap. 442.

(ċ) kull għaqda koperattiva hekk reġistrata kif imiss taħt l-Att dwar Soċjetajiet Koperattivi;

"impriża kbira", "impriża ta' daqs medju", "impriża żgħira" u impriża mikro" għandu jkollhom it-tifsira mogħtija lilhom bl-Anness 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu, 2008 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skond l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat;

"intensità ta' l-għajnuna" tfisser livell massimu ta' għajnuna espress bħala persentaġġ tal-ispiża eliġibbli tal-proġett;

"linji gwida" tfisser linji gwida bħal dawk li jistgħu jiġu pubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien skond l-Att;

"organizzazzjoni ta' riċerka" tfisser entità, bħal università jew istitut ta' riċerka, irrispettivament mill-istat legali tagħha (organizzata skond il-liġi pubblika jew privata) jew mod ta' finanzjament, li l-għan ewlieni tagħha huwa li titmexxa riċerka fundamentali, riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali, u biex jiġu disseminati r-riżultati tagħha permezz ta' tagħlim, il-pubblikazzjoni jew it-trasferiment tat-teknoloġija; il-profitti kollha jiġu investiti mill-ġdid f'dawn l-attivitajiet, fid-disseminazzjoni tar-riżultati tagħhom jew tagħlim; impriżi li jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq entitajiet bħal dawn, fil-kwalità ta', pereżempju azzjonisti jew membri, m'għandhom igawdu ebda aċċess preferenzjali għall-kapaċitajiet ta' riċerka ta' entitajiet bħal dawn jew għar-riżultati ġenerati minnhom;

"persunal bi kwalifiċi għoljin" tfisser riċerkaturi, inġiniera, disinjaturi u maniġers tal-*marketing* bi grad ta' edukazzjoni terzjarja u minn ta' l-inqas ikollhom ħames snin esperjenza professjonali li tkun rilevanti;

"riċerka industrijali" tfisser riċerka pjanata jew investigazzjoni kritika immirata lejn l-akkwist ta' għarfien u ħiliet ġodda għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda jew li tkun twassal għal titjib sinifikanti fi prodotti, proċessi jew servizzi eżistenti;

"sekondment" tfisser l-ingaġġ temporanju ta' persunal minn impriża benefiċjarja għal perjodu definit ta' żmien, li fi tmiem ta' dak iż-żmien persunal bħal dak għandu jkollu d-dritt li jerġa' lura għax-xogħol permanenti tiegħu;

"spejjeż eliġibbli" tfisser dik in-nefqa li ssir minn impriza:

(a) biex twettaq riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali;

(b) biex twettaq studji tekniċi dwar vijabbilità bħala preparazzjoni għal riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali;

(ċ) għall-akkwist u validazzjoni ta' privattivi u drittijiet oħra dwar propjetà industrijali;

(d) għas-sekondment ta' personnel bi kwalifiċi għoljin issekondati minn organizzazzjoni ta' riċerka, università jew impriża kbira, lil impriża ta' daqs żgħir jew medju biex jaħdmu fuq proġetti speċifiċi ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni;

(e) għat-twaqqif, l-espansjoni u l-animazzjoni ta' għanqud ta' innovazzjoni.

"żvilupp sperimentali" tfisser l-akkwist, l-għaqda, l-iffurmar u l-użu ta' għarfien u ħiliet xjentifiċi, teknoloġiċi u kummerċjali eżistenti u oħrajn rilevanti bl-għan li jiġu prodotti pjanijiet u arranġamenti jew disinni għal prodotti, proċessi jew servizzi ġodda, mibdula jew imtejjba imma ma jkunux jinkludu tibdil ta' rutina jew perjodiku magħmul fuq prodotti, linji ta' produzzjoni, proċessi ta' manifattura,

servizzi eżistenti u operazzjonijiet oħra li jkunu għaddejjin, anki jekk tibdil bħal dak jista' jirrappreżenta titjib. Il-produzzjoni sperimentali u l-ittestjar ta' prodotti, proċessi u servizzi huma wkoll eliġibbli, sakemm dawn ma jistgħux jiġu wżati jew trasformati għal użu f'applikazzjonijiet industrijali jew kummerċjali;

Krediti ta' taxxa u għotjiet finanzjarji għal attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u innovazzjoni.

3. (1) Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li impriża tkun teħtieġ għajnuna biex twettaq attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u innovazzjoni biex tiżviluppa prodotti, proċessi jew servizzi ġodda jew biex twassal għal titjib sinifikanti fil-prodotti, servizzi, u proċessi eżistenti, il-Korporazzjoni tista' tgħin impriża bħal din permezz ta' kreditu ta' taxxa jew għotja finanzjarja bħala persentaġġ ta' l-ispejjeż eliġibbli li jintefqu minn impriża bħal din fl-iżvilupp ta' prodotti, servizzi jew proċessi bħal dawn skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu stabbiliti fil-linji gwida.

(2) Il-kreditu ta' taxxa li jista' jingħata lura skond dan ir-regolament għandu jkun dovut għal kull sena ta' stima li tkun issegwi minnufih is-sena li fiha l-ispiża eliġibbli li tagħti lok għad-dritt ta' kreditu ta' taxxa tkun saret.

(3) L-għajnuna li hemm referenza għaliha fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament tista' tiġi provvduta biss jekk il-proġett ta' riċerka, żvilupp jew innovazzjoni flimkien mas-servizzi relattivi u l-ispejjeż involuti kienu ġew approvati *a priori* bil-miktub mill-Korporazzjoni:

Iżda, din l-għajnuna tista' tiġi approvata mill-Korporazzjoni biss jekk l-impriża żżid il-livell ta' l-attivitajiet tagħha ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni u twettaq proġetti jew attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni li xort' oħra ma kienux jitwettqu jew kienu jitwettqu b'mod aktar limitat.

Għajnuna għal riċerka industrijali u żvilupp sperimentali.

4. Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li proġett ta' riċerka jkun ibbażat fuq riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku ta' Malta, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi lil impriza bħal din bil-forom ta' għajnuna li hemm referenza għalihom fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu stabbiliti fil-linji gwida.

Kollaborazzjoni.

5. Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li proġett ta' riċerka msemmi fir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti jkun jinvolvi kollaborazzjoni bejn żewġ impriżi indipendenti minn xulxin

jew bejn impriża u organizzazzjoni ta' riċerka, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi impriża bħal din bil-forom ta' għajnuna li hemm imsemmija fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti bl-intensitajiet ta' għajnuna għal kollaborazzjoni kif indikati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-linja gwida.

Għajnuna għat-twettieq ta' studji tekniċi dwar il-vijabbilità.

6. Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li impriża li tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku ta' Malta tkun teħtieġ għajnuna biex twettaq studji tekniċi dwar il-vijabbiltà bi preparazzjoni għal riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi impriża bħal dik bil-forom ta' għajnuna li hemm imsemmi għalihom fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-linji gwida.

Għajnuna għall-ispejjeż dwar drittijiet ta' proprjetà industrijali għall-impriżi ta' daqs żgħir jew medju.

7. Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li impriża ta' daqs żgħir jew medju li tista' tikkontribwixxi għall-izvilupp ekonomiku ta' Malta tkun teħtieġ għajnuna biex tikseb jew tivvalida privattivi jew drittijiet oħra ta' proprjetà industrijali, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi impriża bħal dik bil-forom ta' għajnuna li hemm imsemmija fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-linji gwida.

Għajnuna biex jinkisbu is-servizzi ta' persunal bi kwalifiċi għoljin fuq sekondment.

8. Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li impriża ta' daqs żgħir jew medju li tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku ta' Malta tkun teħtieġ għajnuna biex jinkisbu s-servizzi ta' persunal bi kwalifiċi għoljin fuq sekondment minn organizzazzjoni ta' riċerka jew impriża ta' daqs kbir sabiex jitwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u ta' innovazzjoni, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi impriża bħal dik bil-forom ta' għajnuna li hemm imsemmija fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-linji gwida:

Iżda l-persunal li jiġi sekondat b'dan il-mod ma' impriża ta' daqs żgħir jew medju m'għandux jieħu post xi persunal eżistenti imma għandu jiġi impjegat f'funzjoni ġdida maħluqa ma' impriża bħal dik:

Iżda wkoll li kull persunal hekk sekondat għandu jkun ilu impjegat għal ta' l-inqas sentejn fl-organizzazzjoni ta' riċerka jew impriża ta' daqs kbir li tkun tipprovvdi l-persunal fuq sekondment. Il-persunal sekondat għandu jaħdem f'attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u innovazzjoni fi ħdan l-impriza ta' daqs żgħir jew medju li tkun tirċievi l-għajnuna.

Għajnuna lill-għenieqed ta' innovazzjoni.

9. Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li impriża li tkun tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku ta' Malta tkun teħtieġ għajnuna biex tistabbilixxi, torganizza jew tħaddem għanqud ta' innovazzjoni li jkun jamministra l-parteċipazzjoni u l-aċċess għall-bini, faċilitajiet u attivitajiet ta' l-għanqud ta' innovazzjoni, il-Korporazzjoni tkun tista' tipprovdi impriża bħal dik bil-forom ta' għajnuna li hemm imsemmija fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-linji gwida.

Krediti ta' taxxa.

10. (1) Impriża li tkun intitolata għal krediti ta' taxxa skond dawn ir-regolament u l-linji gwida rispettivi għal sena ta' stima, għandha tkun intitolata li tnaqqas mill-ammont ta' taxxa fuq l-*income* li hu dovut fuq l-*income* taxxabbli tagħha li jiġi mill-kummerċ jew negozju tagħha għal dik is-sena ta' stima l-ammont tal-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment u fejn il-kreditu ta' taxxa għal kull sena ta' stima, jkun jeċċedi t-taxxa fuq l-*income* li titħallas minn kumpannija bħal dik għal dik is-sena, l-eċċess għandu jkun miżjud mal-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment għas-sena ta' wara u għandu jitqies bħala parti minn dak il-kreditu ta' taxxa, jew jekk ma jkunx hemm kreditu ta' taxxa bħal dak għal dik is-sena, ikun meqjus bħala l-kreditu ta' taxxa għal dik is-sena u jibqa' jsir hekk għas-snin ta' wara:

Iżda kreditu ta' taxxa bħal dak li ma jkunx utiliżżat fl-aħħar ta' xi sena u li għalhekk tkun miġjuba 'il quddiem biex tiżdied mal-kreditu ta' taxxa tas-sena ta' stima ta' wara u tkun titqies bħala parti minn dak il-kreditu ta' taxxa għal dik is-sena, għandha tiżdied bir-rata bħal dik li hemm fil-linji gwida; u fejn xi parti ta' dak il-kreditu ta' taxxa hekk miżjud għal darb' oħra ma tkunx utiliżżata, dik il-parti li ma tkunx utiliżżata terġa' tiżdied bl-imsemmija persentaġġ u miġjuba 'l quddiem għas-sena ta' wara u jibqa' jsir hekk għas-snin ta' wara:

Iżda wkoll kreditu ta' taxxa ma għandux jagħti lok għal dritt ta' rifużjoni ta' taxxa.

(2) Meta impriża tkun ibbenefikat mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-kreditu ta' taxxa għandu jitqies li jkun ħeles mit-taxxa dik il-parti ta' l-*income* taxxabbli ta' l-impriża li meta jiġi multiplikat bir-rati ta' taxxa li bihom kienet taxxabbli f'dik is-sena, tkun ugwali għall-kreditu ta' taxxa, u meta l-impriża jew xi impriza sussegwenti tqassam l-*income* li jkun hekk meqjus li kien meħlus mit-taxxa, impriża bħal dik, jew impriżi, għandhom jiddikjaraw fid-dividend *warrant* li għandu x'jaqsam ma' distribuzzjoni bħal dik li t-taxxa fuq dak l-*income* tkun meħlusa bi kreditu ta' taxxa skond dawn ir-regolamenti u t-taxxa tkun hekk meħlusa ma tkunx disponibbli għal rifużjoni għal xi għan ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

Kap. 123.

(3) (a) L-*income* taxxabbli li jkun meqjus li ġie meħlus mit-taxxa skond dawn ir-regolamenti għandu, għall-finijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, jkun allokat fil-kont intaxxat b'mod finali tal-kumpannija msemmija u xi *dividend* jew parti minnu li jkun tqassam ikun eżenti mit-taxxa fuq l-*income* meta jasal f'idejn il-membri tal-kumpannija meta dawn jirċievu dan it-tqassim.

(b) Meta *dividend* imsemmi fis-subregolament (2) jitqassam lil membru li jkun ukoll kumpannija (hawn iżjed 'il quddiem f'dan is-subregolament imsemmi bħala "it-tieni kumpannija"), dak id-*dividend* jista' bl-istess mod jitqassam mit-tieni kumpannija lill-membri tagħha stess bħala *dividends* eżenti mit-taxxa fuq l-*income* meta jasal f'idejn min jirċevih, u meta membru tat-tieni kumpannija jkun ukoll kumpannija, id-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan is-subregolament għandhom ikunu japplikaw *mutatis muntandis* daqslikieku dak li jingħad għat-tieni kumpannija kien qed jingħad ukoll għal dak il-membru, u l-prinċipju stabbilit f'dan is-subregolament għandu jibqa' jiġi applikat għal kemm-il darba l-qliegħ u l-profitti jew parti minnhom li għalihom jkun japplika dan ir-regolament jitqassmu bħala *dividends*.

(4) Meta għal sena ta' stima, impriża tkun tikkwalifika għal kreditu ta' taxxa skond regolament 5 tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Promozzjoni tan-Negozju, u wkoll taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, din għandha tagħmel użu mill-kreditu ta' taxxa dovuta taħt ir-Regolamenti dwar il-Promozzjoni tan-Negozju, qabel ma tagħmel xi tpaċċija fir-rigward tal-kreditu ta' taxxa dovut skond dawn ir-regolamenti. A.L. 135 ta' l-2001.

(5) Ebda kreditu ta' taxxa m'għandu jkun dovut lil xi impriża skond dawn ir-regolamenti għal xi sena ta' stima jekk dan ma jintalabx fil-parti adatta tal-prospett tat-taxxa mibgħut b'mezzi elettroniċi sa mhux aktar tard mid-data tal-prospett tat-taxxa relattiv.

11. Il-Korporazzjoni m'għandha tapprova ebda proġetti ta' riċerka ġodda wara il-31 ta' Diċembru, 2013 jew wara dik id-data li l-Korporazzjoni tista' tispeċifika permezz ta' avviż fil-Gazzetta. Approvazzjoni ta' proġetti ta' riċerka ġodda.

12. Il-livelli ta' għajnuna li jistgħu jiġu mogħtija skond dawn ir-regolamenti għandhom jiġu stabbiliti mil-linji gwida rispettivi pubblikati mill-Korporazzjoni konformi ma' l-Att. Il-livelli ta' intensità tal-għajnuna massimi għandhom ikunu dawk indikati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Livelli massimi ta' għajnuna.

13. Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal impriżi li jkunu f'diffikultà skond il-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-kumpaniji f'diffikultà kif spjegat fil-Ġurnal Uffiċjali C244, 01.10.2004. Nuqqas ta' applikabilità.

SKEDA

(Regolament 5)

Livell Massimu ta' Għajnuna fir-rigward ta' spejjeż eliġibbli

	Impriża ta' Daqs Żgħir	**Impriża ta' Daqs Medju**	**Impriża ta' Daqs Kbir**
Riċerka Industrijali	70%	60%	50%
Riċerka Industrijali soġġetta għal: - kollaborazzjoni bejn impriżi; għal impriżi ta' daqs kbir: bejn il-fruntieri jew ma' ta' l-inqas impriża waħda ta' daqs żgħir jew medju jew - kollaborazzjoni ma' organizzazzjoni ta' riċerka	80%	75%	65%
Żvilupp sperimentali	45%	35%	25%
Żvilupp sperimentali soġġett għal: - kollaborazzjoni bejn impriżi; għal impriżi ta' daqs kbir: bejn il-fruntieri jew ma' ta' l-inqas impriża waħda ta' daqs żgħir jew medju jew - kollaborazzjoni ma' organizzazzjoni ta' riċerka	60%	50%	40%
Studji tekniċi dwar vijabbilità – Riċerka Industrijali	75%	75%	65%
Studji tekniċi dwar vijabbilità – Żvilupp Sperimentali	50%	50%	40%
Għenieqed Innovattivi u Kollaborazzjonijiet Għajnuna għall-Investiment	50%	40%	30%
Għenieqed Innovattivi u Kollaborazzjonijiet Għajnuna operattiva (mhux digressiva)	50%	50%	50%